MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Numru 11/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwi**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 11 tas-sena 2006 kontra l-akkuzat Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwi, kif korrett b'digrieti tat-3 u tal-5 ta' Dicembru, 2007 li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-erbatax (14) ta' Gunju, elfejn u wiehed (2001) wara nofs-inhar, Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwi, flimkien ma persuna ohra, sgassa w volontarjament ghamel hsara ta' aktar minn ghaxar liri (LM10) fil-fond 16, Triq Qamar, Xaghra, Ghawdex, residenza tal-lum mejta Maria Attard, u minn hemm seraq diversi oggetti u flus fl-ammont ta' madwar tlett mija w disghin lira (LM390) u dana a dannu w kontra l-volonta' tal-istess Maria Attard, mara anzjana, li

dak il-hin kienet harget mir-residenza taghha w marret ghal quddies u ghand it-tabib taghha.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwi sar hati ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn mitt lira, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz (ksur, sgass), valur u lok (dar ta' abitazzjoni).

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Novembru, 1995, instab hati ta' delitt u kkundannat tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwi, recidiv f'delitt, hati ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn mitt lira, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz (ksur, sgass), valur u lok (dar ta' abitazzjoni).

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa erba' snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' fl-14 ta' Gunju, 2001, wara nofs inhar fix-Xaghra, Ghawdex, Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwi sgassa r-residenza ta' Maria Attard u volontarjament ghamel hsara fl-istess fond a detriment ta' Maria Attard ta' aktar minn ghaxar liri (LM10).

Illi b'ghemilu l-imsemmi Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwi sar hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b'dan li l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn ghaxar liri izda taht il-hamsin lira.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Novembru, 1995, instab hati ta' delitt u kkundannat tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwi, recidiv f'delitt, hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b'dan illi l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn ghaxar liri izda taht hamsin lira.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija sa seba' xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(c), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat hati skond l-ewwel u t-tieni kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-verdett ulterjuri tal-gurati tal-lum li bih unanimament sabu lill-hati, hat ital-addebitu tar-recidiva limitatament ghall-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali w dana kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwi, recidiv f'delitt, hati

1. talli fl-14 ta' Gunju, elfejn u wiehed (2001), wara nofs inhar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti f'ammont li jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100) izda ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta' Maria Attard, mir-residenza taghha fil-fond 16, Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (ksur u sgass), bil-valur u bil-lok (dar ta' abitazzjoni) u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2. talli fl-14 ta' Gunju, elfejn u wiehed (2001), wara nofs inhar, fil-fond 16, Ghajn Qamar Street, Xaghra,

Ghawdex, sgassa r-residenza ta’ Maria Attard u volontarjament ghamel hsara fl-istess fond ghad-detriment tal-istess Maria Attard, liema hsara tiswa aktar minn ghaxar liri Maltin (LM10) izda ma teccedix il-hamsin lira Maltin (LM50) u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;
3. hati wkoll tal-addebitu tar-recidiva limitatament skond l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali w dana kemm ghall-fini tal-ewwel kif ukoll ghat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Rat il-verbal tal-lum li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li ghall-fini tal-piena r-reat taht it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza ghandu jigi assorbit fir-reat taht l-ewwel kap u dana peress li serva bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat aktar gravi ta’ serq kwalifikat, kif jiddisponi l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni w id-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti.

L-abbli difensur Dr. Jose’ Herrera ssottometta illi skond l-artikolu 28(A)(7)(b) din il-Qorti ma kienitx prekluza milli tapplika d-disposizzjonijiet tas-sentenza sospiza peress li l-hati ma nstabx hati tar-recidiva skond l-artikolu 50 imma skond l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.
Li l-Qorti kellha turi klemenza mall-hati ghaliex kien diga’ ghamel madwar tnejn u ghoxrin (22) xahar taht arrest domicijari;
Li kieku ma kienitx ghall-ammissjoni tal-hati mall-Pulizija dan il-process ma kien qatt isir;
Li l-ammont misruq kien taht l-erba’ mitt lira (LM400) u ghalhekk kien minimu;
Li kien hemm trapass ta’ zmien ta’ sitt snin minn meta gew kommessi r-reati sal-lum;
Li l-fedina penali tal-hati ma kienitx daqshekk refrattarja w ma jidhirx li kien hemm xi “system of conduct” ta’ ksur tal-ligi.

Ghalhekk talab li l-Qorti tapplika d-disposizzjoni tas-sentenza sospiza w f'kaz li dan ma kienx possibbli, tqis iz-zmien li l-hati ghamel taht "house arrest".

L-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara invece ssottometta li l-hati kien recidiv u fost ir-reati minnu kommessi kien hemm addirittura r-reati serji ta' kalunja ta' ufficjal pubbliku w harba mill-post ta' kustodja.
Illi anki f'dan il-process il-hati kien insinwa li l-ufficjali tal-Pulizija li nvestigaw il-kaz ma kienux ghamlu d-dover taghhom kif imiss;
Illi mis-sena 2001 sa 2006 l-hati bl-ebda mod ma kkoopera mal-Pulizija fuq dan il-kaz u kull meta kien gie interrogat dwaru minn diversi ufficjali tal-Pulizija, dejjem kien cahad l-involviment tieghu w ammettieh biss fi Frar 2006, meta kien qed jigi nvestigat dwar l-allegat qtil tal-istess persuna li hu kien seraq fl-2001;
Illi jidher ukoll li l-gurati, meta sabuh hati tal-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza u mhux ta' tentattiv ta' serq ma kienux emmnu l-verzjoni li hu kien ta bil-gurament f'dan il-process u accettaw dak li ssottomettiet il-prosekuzzjoni li effettivament mhux biss kien dahal fil-fond in kwistjoni, kif ammetta mal-Pulizija, izda li ukoll kien seraq minn hemm;
Illi ghalhekk il-hati ma kienx persuna affiddabbli w kien bniedem li jaghmel dak li jaqbillu meta jigi rinfraccat bil-gustizzja;
Illi l-fatt li meta nghata l-liberta' provvizorja hu kien suggett ghall-kundizzjoni li ma johrogx minn daru, dan ma jammontax ghal zmien imqatta' fil-habs li skond il-gurisprudenza w skond il-ligi biss jintitola lill-hati li dak iz-zmien jitnaqqaslu mis-sentenza tieghu imma kienet biss kundizzjoni tal-helsien mill-arrest dettata mill-fatt li l-hati, Egizjan *di nascita*, kellu rabtiet ma barra minn Malta w seta' facilment jahrab;
Finalment u l-iktar importanti l-hati kien ghazel li jisraq minn ghand mara anzjana li kienet tghix wahedha f'tarf rahal u li kienet estremament vulnerabbli.

Ghalhekk huwa talab illi l-piena tkun wahda ferm vicin il-massimu li tista' tinghata.

Ikkonsidrat

Illi mill-fedina penali tal-hati jidher li kemm ilu hawn Malta kien diga' nstab hati mill-Qrati erba' (4) darbiet, darba li kien Malta bhala immigrant ipprojbiet u gie liberat b'kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur, darb'ohra illi akkuza lill-ufficjal tal-habs quddiem l-Awtorita' kompetenti b'reati meta kien jaf li dak l-ufficjal kien innocenti w kien gie kkundannat tmintax (18) il-xahar habs sospizi ghall-tlett snin, darb'ohra li harab mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija w rega' gie liberat b'kundizzjoni w aktar recentement illi kiser il-paci pubblika, hedded u hebb ghal persuna ohra biex jaghmillu hsara.

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti li meta persuna tkun instabet hatja ta' r-reati ripetutament u din tinghata l-fiducja tal-Qrati billi, minflok sentenza karcerarja, tigi lliberata kondizzjonatament jew tinghata probation jew addirittura tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza, m'ghandix imbaghad terga' tigi ttrattata bl-istess mod meta tiggradwa ghal reati iktar serji, kif ghamel il-hati f'dan il-kaz.

Illi certament it-trapass ta' zmien f'dan il-kaz kien dovut unikament ghaliex il-hati, minkejja li gie investigat u nterrogat dwar dan il-kaz ripetutament mill-Pulizija bejn is-snin 2001 u 2006, dejjem cahad l-involviment tieghu w kien biss fi Frar 2006, meta allura kien qed jigi nvestigat dwar reat iktar serju ta' omicidju, li, biex jiskolpa ruhhu mill-ahhar reat, ammetta li hu kien sgassa w dahal fir-residenza ta' Maria Attard f'dan il-kaz. Mill-qbija l-proceduri kriminali kontra tieghu mill-prezentata sas-sentenza fil-guri hadu biss sena w ghaxar xhur li fic-cirkostanzi zgur li mhux zmien esagerat meta, minkejja l-ammissjoni tieghu mal-Pulizija, l-hati ddecida li jikkontesta l-htija tieghu "ad unguem" kif kellu kull dritt li jaghmel, pero' fl-istess waqt ma jistax jimputa xi tul esagerat fil-process tieghu.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Cauchi"** tat-3 ta' Lulju, 2007, fir-rigward tas-sottomissjoni tad-difiza dwar il-perjodu li fih il-hati jkun qed jinzamm god-dar tieghu taht

dak li popolarment qed jissejjah *"house arrest"*, ghandu jinqata' minn kull pigunerija erogabbli, jibda biex jigi precizat li l-ligi taghna ma tipprovdi ghal ebda provvediment ta' *"house arrest"* "*ut sic*!". Izda huwa possibbli li fost il-kondizzjonijiet li tahthom tinghata liberta' provvizorja mill-Qrati, l-Qrati jistghu jorbtu lill-akkuzat li ma johrogx minn daru jew b'mod assolut jew hlief f'certu hinijiet.

Illi tali kondizzjoni fejn l-akkuzat ikun qed jghix fil-kumdita' ta' daru u mal-familjari tieghu, qatt ma tista' tigi ekwiparata ma' permanenza fil-habs. Jigi osservat ukoll li l-artikolu 22 tal-Kap. 9 jipprovdi ghal tnaqqis minn sentenza ta' prigunerija ta' "kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija w l-kundanna li tulu l-kundannat **<u>ikun inzamm il-habs</u>** ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom hu ikun qed jigi misjub hati jew ikkundannat". Ghalhekk it-tnaqqis mandatorju imsemmi fl-artikolu 22 tal-Kap. 9 japplika biss meta l-persuna kkundannata tkun inzammet fil-habs u mhux meta tkun qaghdet god-dar taghha. (Ara f'dan is-sens App. Krim Inferjuri **"Il-Pulizija vs Johan Sultana w Mark Dimech"** [26.01.2007] u **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Patrick Vella LL.D"** [13.03.2007].

Ikkonsidrat

Illi r-reati kommessi mill-hati sfortunatament isegwi certu "pattern" ta' kriminalita' li qed jizdid f'dawn l-ahhar snin u cioe' fejn qed jigu "targeted" persuni anzjani ghal serq minn djarhom kemm meta huma jkunu gewwa darhom kif ukoll meta jkunu hargu ghal ftit tal-hin ghal xi qadja jew biex immorru l-knisja, kif gara' f'dan il-kaz.

Dan il-fenominu kriminuz bla dubju ta' xejn qed johloq preokkupazzjoni serja fil-komunita' in generali w partikolarment f'dawk ta' eta' avvanzata li jhossuhom minaccjati sahansitra fi darhom minn dawn l-esperjenzi trawmattizzanti li hafna drabi jhallu effett ferm aktar gravi mit-telf relatat mall-valur tal-oggetti li l-hallelin jirnexxilhom jisirqu.

Dan il-fenominu irid jigi repress b'kull mezz possibbli w l-Qrati f'dawn il-kazijiet ghandhom id-dover li jaghtu messagg li dawn ir-reati ma jistghux jitqisu bl-leggerezza u ghalhekk il-piena f'kazijiet bhal dawn trid isservi ta' deterrent ghall-malviventi ohrajn li jkunu se jinbarkaw fuq dawn ir-reati kontra persuni vulnerabbli.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278(1)(2)(3), 279(a), 280(2), 17(h), 20, 49, 325(1)(c) u 533 tal-Kodici Kriminal (Kap. 9) tikkundanna lill-hati Ibrahim Hafes Ibrahim El Degwi ghall-piena ta' hamsa w erbghin xahar (45) xahar prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS IL-HABS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas is-somma ta' mitejn u sitt liri Maltin u tmienja w hamsin centezmi (LM 206.58c), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------